# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**<u>DIGRIET</u>**

**Illum 28 ta' April 2022**

Fl-atti tat-Talba Nru: **201/2020 JG**

Fl-ismijiet

**Simonds Farsons Cisk Plc (C-113)**

**Vs**

**Joseph Zammit (ID 584576(M))**

It-Tribunal;

Ra r-rikors tas-soċjetá attriċi tal-15 ta' Ottubru 2021 fejn ġiet mitlub, senjatament a tenur tal-artikolu 175(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta *ad letteram* hekk: *jiġu kanċellati il-kliem 'prezz ta' merċa li ġiet mibjugħa u kkonsenjata' fl-ewwel paragrafu għal 'bilanċ minn self';*

Ra risposta tal-konvenut magħmula fil-verbal tas-17 ta' Jannar 2022 fejn l-istess konvenut oġġezzjona għal din it-talba għaliex skond hu din sejra twassal għal-bidla fis-sustanza tal-azzjoni u anke l-eċċezzjonijiet tiegħu;

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi fl-ewwel lok, kif diġa ġie indikat, it-talba kif magħmula fir-rikors hija bbażata biss fuq l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan il-fatt waħdu m'għandux ikun ta' xkiel, għalkemm dan it-Tribunal huwa primarjament regolarizzat b-liġi speċjali. Tassew, quddiem dan it-Tribunal, korrezzjonijiet huma regolati b'dak li jrid l-artikolu 7 tal-Liġi Sussidjarja 380.01 tal-Liġijiet ta' Malta. Madanakollu, f'każ bħal dan, u allura wara li tkun laħqet saret l-ewwel seduta, fil-fatt f'dan il-proċediment il-provi attriċi huma magħluqa, jidħol fix-xena dan l-artikolu[1]. Li wieħed jirraġuna bil-kontra ikun pervers, għaliex ikun ifisser li dan it-Tribunal ma jkun jista qatt, *ex officio* (u lanqas xi parti) jordna li jsiru korrezzjonijiet meħtieġa fi stadju wara l-ewwel dehra[2].

Illi lura għal dak li jrid l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa minnu li fi żminijiet aktar riċenti ġie mfakkar li l-applikazzjoni tiegħu hija mħollija fil-qafas ta' diskrezzjoni wiesgħa ħafna[3]. Huwa minnu wkoll li l-għan

---

[1] F'dan is-sens issir referenza għal-provvedimenti fl-ismijiet **Ivan Vella vs Joseph Pitre et** (Tlb nru: 549/2018 KCX) mogħti fil-11 ta' Lulju 2019 u **Vince Beeston et vs Sandro Dimech** (Tlb Nru: 136/2019 KCX) mogħtij fit-22 ta' Ġunju 2020, mogħti minn dan it-Tribunal, presedut minn Dr. Kevin Camilleri Xuereb.

[2] Fost diversi, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **EMD Advisory Services Vs Maurice O'Donoghu u b'digriet datat 31 ta' Ottubru, 2016 l-kunjom O'Donoghu gie jaqra O'Donoghue** (Tlb Nru: 916/2015 VG), mogħtija minn dan it-Tribunal, diversament presedut, nhar il-31 ta' Ottubru 2016.

[3] It-Tribunal jagħmel referenza, kemm għal dak hemm deċiż u kemm minħabba r-rakkolta ġurisprudenzjali eżawrenti hemm magħmula, għad-digriet fl-ismijiet **Alfred Schwab vs Mr**

prinċipali wara dan l-artikolu huwa li sa fejn huwa hekk possibbli atti jiġu salvati[4]. Però qiegħed jingħad li dan għandu jsir <u>sa fejn huwa possibbli</u> għaliex hija l-liġi stess li ma tippermettix, jew aħjar tillimita talbiet simili sakemm tali bidla ma tbiddilx is-sustanza tal-azzjoni jew l-eċċezzjonijiet fil-mertu.

Illi minn qari tal-Avviż promotur jirriżulta li s-soċjetá attriċi talbet is-somma minnha pretiża bħala prezz minn merċa skond hi mibjugħa u mhux konsenjata. Issa trid li tbiddel tali parametri fis-sens li titlob li jiġi dikjarat li l-istess somma hija derivanti minn kuntratt ta' self. Fil-fatt, dan it-Tribunal qajla jista jifhem kif il-bażi tal-azzjoni attriċi ġiet redatta b'dan il-mod meta mal-istess Avviż ippreżentat dokument li juri li kien hemm *Loan Agreement*[5].

Illi għal dan it-Tribunal huwa bil-wisq ovvju li din it-talba, jekk tintlaqa' sejra tiżnatura b'mod komplet l-azzjoni promossa. Huwa minnu li wieħed jista jargumenta li l-azzjoni kienet u tibqa sejħa għal ħlas, iżda huwa wkoll minnu lis-sisien tal-azzjoni huma kompletament differenti. Kif inhi promossa l-azzjoni illum din tirrikjedi ċertu elementi u ċioé li l-allegat debitur konvenut irċieva merċa mhux imħallsa u kif issa trid li tiġi postulata l-azzjoni s-soċjetá attriċi l-allegat debitur konvenut għandu jitqies moruż fir-rigward ta' xi kuntratt ta' self. Huwa ċar li l-azzjoni sejra tinbidel kompletament[6].

---

**<u>Green Limited,</u>** (Rik Maħluf Nru: 777/2021) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-4 ta' Marzu 2022 per Onor. Imħallef Christian Falzon Scerri.

[4] Madanakollu, utli li ssir referenza għal dak li ntqal fid-digriet fl-ismijiet **<u>Rebecca Galea vs Emanuel Spagnol et,</u>** (Mandat Nru: 918/2017/1) emess fil-21 ta' Lulju 2017 mill-Prim Awla tal- Qorti Ċivili fejn ġie awtorevolment imakkar li "*hu pacifiku li l-att gudizzjarju ghandu sa fejn jista' jkun, jigi salvat, izda l-Qorti ma tistax tinjora t-traskuragni fit-thejjija tal-atti gudizzjarji li jitressqu quddiemha.*"

[5] Dok B anness mal-Avviż promotur.

[6] Utli li ssir referenza wkoll għad-digriet fil-kawża fl-ismijiet **<u>Carmen Cassar vs l-Avukat tal-Istat et,</u>** (Rik Kost Nru: 52/2021) mogħti mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) nhar it-22 ta' Frar 2022 per Onor. Imħallef Robert Mangion.

Illi sfiq ma dan imbagħad, meta wieħed jelimina l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari[7], jintebaħ li jekk dan it-Tribunal kellu jilqá din it-talba ikun qiegħed joqtol (permezz ta' digriet) it-tielet eċċezzjoni fil-mertu tal-konvenut li trid lis-soċjetá attriċi iġġib prova tal-allegat nuqqas fir-rigward ta' din il-merċa.

Illi għalhekk ukoll din it-talba hija destinata li tfalli.

Għaldaqstant, t-Tribunal qiegħed jiċħad t-talba għal-korrezzjoni tas-soċjetá attriċi kif formulata fir-rikors tal-15 ta' Ottubru 2021.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju, huma riżervati għal-ġudizzju finali.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[7] F'dan is-sens it-Tribunal jirreferi għal-provvediment fl-ismijiet **<u>Joseph Genovese vs Awtoritá ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar,</u>** (918/2012) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Mejju 2013 per Onor. Imħallef Joseph R. Micallef.